MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 455/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli]**
**Vs**
**Joseph Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Joseph Gatt, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fil-Marsa, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' kaxxi bil-laham li jiswew madwar Lm20,000.00 kif ukoll serq ta' somma flus ta' aktar minn Lm600.00 fi flus kontanti mill-fabbrika 'The Food House Marketing Ltd', sitwata A25, Triq Guzeppe Garibaldi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi Lm1,000.00 u li sar ghad-detriment tas-sidien ta' l-imsemmija fabbrika;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' zewg vetturi, u li ghandhom in-numru tar-registrazzjoni DBL362 u GBC362 u li huma stmati

aktar minn Lm1,000.00-il wahda, u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment tas-sidien ta' 'The Food House Marketing Ltd.', u tas-sidien tal-kumpanija 'FX Garage Co Ltd.' rispettivament'

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00, u li saret ghad-detriment tas-sidien ta' 'The Food House Marketing Ltd.', u tas-sidien tal-kumpanija 'FX Garage Co Ltd.';

U finalment talli nhar il-11 ta' Ottubru, 2004, u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u cioe' laqa' ghandu 'l fuq minn erba' mitt kaxxa tal-laham tal-friza rapurtati misruqa mill-fabbrika 'The Food House Marketing Ltd.', sitwata fi Triq Garibaldi, Marsa, u dan sewjekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentementb'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti illiberat lil appellat mill l-akkuzi kollha.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Novembru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma' sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedei il-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravju tal-appellant Avukat Generali li huwa s-segwenti :
Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt principali li minkejja li l-Onorabbli Qorti kienet konvinta bla dubju dettat mir-raguni u ikkonfermat dan is-stat ta' fatt fis-sentenza taghha stess illiberat lill-imputat erronjament.

Illi l-kaz gie ppruvat u certament il-fatt li zewg trakkijiet ta' laham b'valur ta' aktar minn E45,000 gew misjuba jumejn wara ghand l-appellat imputat minghajr ebda spjegazzjoni legittima ta' xejn jew prova li gew akkwistati b'mod legittimu jippruvaw b'mod skjaccanti l-prova tar-recent possession.
Illi bl-akbar rispett saret sitwazzjoni assurda meta nghidu li ghandna stat ta' fatt fejn il-Qorti qed tiddikjara u tirritjeni li hi konvinta mill-htija imma fl-istess nifs tghid li ha tillibera imputat fuq teknikalita. Illi l-legislatur u l-Parlament qatt ma kellhom l-ebda skop jew interess li kwalunkwe ligi sservi bhala detriment sabiex ssir gustizzja. Illi izda f'din id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti huwa car li minflok il-gustizzja hija supreme, kif ghandu jkun, saret skjav ghat-teknikalitajiet assurdi li mmorru bhal dubju ta' xejn kontra d-drittijiet fundamentali tal-vittmi li f'dan il-kaz li soffrew Danni ta' aktar minn E45,000 serq.
Illi ammissjoni hija ammissjoni, iktar u iktar tentut kont tal-fatt li hawnhekk ghandna stqarrija legalment valida li ttiehdet minghajr ebda theddid, weghdiet promessi jew vantaggi. Illi din l-ammissjoni hija korroborata mill-fatti u esebiti f'dan il-kaz u minn nuqqas ta' gustifikazzjoni legittima minn l-istess appellat imputata ta' kif akwista l-laham in kwistjoni. Di piu` din l-ammissjoni saret diversi drabi lill-xhieda.
Illi l-ligi ssostni li prova wahda hija bizzejjed sabiex tinstab htija u l-ewwel Qorit per konsegwenza ma kienitx marbuta lit kun konvinta minn kull prova.
Illi l-appellat imputat ammetta diversi drabi u dan huwa korroborat mix-xhieda ta' l-Ispettur Portelli u l-Ispettur Caruana.
Illi jn vista ta' dawn il-punti kif hawn dedotti u pprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irid issiru fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, bid-dovut rispett l-esponent ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha provi bizzejjed a bazi ta' liema ssib lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih peress illi ma' kienx jississisti n-nuqqas tal-principju fondamentali tad-dubbju ragjonevoli.

Ikkunsidrat.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju, 2012 (fol 305) fejn l-appellant ecepixxa n-nullita tar-rikors ta’ l-Avukat Generali peress illi t-talba konkluzjonali minbarra t-thassir u r-revoka tas-Sentenza qieghda titlob dikjarazzjoni li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi liema dikjerazzjoi ma tezistix fil-Ligi u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tieghu konjezzjoni taghha fid-decide.

Rat illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-Sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu 419(1) tal-Kodici kriminali jghid illi “*Ir-rikors , barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih tah pieni ta’ nullita . . . (c) it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri*.” Skont il-kawza Il-Pulizija vs Joseph Galea deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Gunju, 1995 intqal li “*Bhala regola generali, l-419(1), cioe’ li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-Sentenza, giet “very strictly and rigidly interpreted*.” Fl-istess gudikat il-Qorti tkompli tghid li r-raguni wara l-Artiklu fuq imsemmi “*huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u li l-Legizlatur ried li r-rikors ta’ l-appell ghandu jkun redatt b’tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x’ihuma l-fatti kollha essenzjali minn xiex qed jilmenta l-appellant u x’inhu jitlob. . . .*” Apparti l-fatt illi din il-Qorti kif preseduta fil-kawza deciza llum Numru 261/11 Il-Pulizija kontra Henry Grogan thoss illi ghandha tiddipartixxi minn din ir-regidita peress illi m’ghandux ibati l-imputat u jitlef id-dritt tieghu tad-doppju ezami minhabba drafting hazin ta’ l-avukat tieghu. F’dan il-kaz il-Qorti thoss illi la hemm drafting hazin u lanqas ma hemm nullita tar-rikors.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat tar-rikors ta’ l-Avukat Generali l-Qorti ssib illi t-talba principali ghall-thassir tas-Sentenza saret bl-aktar mod car u kategoriku u dan huwa bizzejjed sabiex jissodisfa l-kwezit ta’ l-Artiklu 419(1) tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li l-Avukat Generali mar oltre u talab dikjarazzjoni illi

ma sarx apprezzament xieraq tal-provi, ma jaffettwax il-vadilita tar-rikors. Fil-fatt dana huwa propju l-pern tar-rikors kollu peress l-Avukat Generali deherlu illi l-ewwel Qorti naqset fl-apprezzament taghha tal-provi u fir-rikors tieghu spjega dan l-agravju u ta r-ragunijiet tieghu ‘l ghala jidhirlu illi sar hekk. Billi b’daqshekk zied din id-dikjarazzjoni fil-parti konkluzjonali tar-rikors tieghu ma jfissirx illi b’daqshekk ir-rikors huwa null. Il-Qorti se tieghu nkonsiderazzjoni din id-dikjarazzjoni fi kwalunkwe kaz meta taghmel l-apprezzament taghha dwar l-agravju ta’ l-Avukat Generali u ghalhekk ma tarax kif qatt jista jkun illi din it-talba ta’ l-Avukat Generali tista twassal ghan-nullita tar-rikors meta r-rikors kollu kemm hu huwa kollu msejjes fuq din it-talba. L-importanti hu li l-minimu kkontemplat mill-Ligi jkun osservat u dan sar f’dan il-kaz u ghalhekk il-Qorti ma tara xejn hazin fir-rikors ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tichad din l-eccezzjoni preliminari ta’ l-appellant u tordna l-prosegument tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------